# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 857/16/1 LM**

**Joseph Azzopardi**

**v.**

**Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill**-konvenut appellant id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili** kif ukoll dwar appell inċidentali tal-**attur Joseph Azzopardi** minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fit-3 ta' Ġunju, 2019 li permezz tagħha sabet illi għall-inċident li sofra l-attur fuq il-post tax-xogħol konsegwenza ta' liema fejn sofra debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%) kien jaħti unikmament il-konvenut u

kkundannatu jħallas lill-attur is-somma ta' €10,265.24 f'danni konsegwenzjali.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-26 ta' Settembru, 2016 l-attur fisser li huwa impjegat fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili bħala 'leading assistant rescue officer' (LARO); illi nhar il-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) waqt li huwa kien qed jaħdem, speċifikament jaħsel il-vettura tat-tip 'Simon Snorkel Hydraulic Platform' bil-*powerwash* fuq inkarigu ta' l-Istation Officer Anthony Portelli, huwa korra meta waqa' u ġie mal-art; illi bħala riżultat ta' dan l-inċident huwa sofra ġrieħi fuq il-persuna tiegħu, tant li kellu bżonn ta' diversi interventi mediċi kawża ta' dan l-inċident; illi b'riżultat dirett tal-imsemmi inċident huwa sofra debilità permanenti f'idu l-leminija hekk kif iċċertifikat minn Mr Thomas Azzopardi u mill-konsulenti mediċi tad-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali; illi l-inċident seħħ minħabba ħtija imputabbli esklussivament lill-konvenut peress li, fost affarijiet oħra, ma kienx hemm *a safe system of work conduct* fuq il-lant tax-xogħol; illi b'riżultat tal-inċident huwa ma jistax ikompli jagħmel xogħol *part-time* li kien jagħmel qabel konsistenti f'xogħol ta' manutenzjoni u tikħil kif ukoll xogħol ġewwa ħanut tal-laħam.

3. L-attur għalhekk talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

"1. Tiddikjara lill-konvenut bħala unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Ottubru, 2012 u li fih sofra diżabilità permanenti l-attur u konsegwentement tiddikjarah bħala responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, inkluż it-telf ta' qligħ tiegħu;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 3038/14 datata 30 ta' Settembru, 2014 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni."

4. Id-Direttur konvenut ressaq risposta maħlufa fil-25 ta' Ottubru, 2016 fejn laqa' għat-talbiet attriċi bil-mod segwenti:

"1. Illi ma jeżisti l-ebda kontestazzjoni fuq il-fatt li l-attur kien u għadu impjegat mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u li fil-11 ta' Ottubru, 2012 huwa kien involut f'inċident fejn weġġa' idu l-leminija liema inċident seħħ fuq il-post tax-xogħol u fil-ħin tax-xogħol u li l-inċident seħħ waqt li huwa kien qiegħed inaddaf il-boom tal-vettura tat-tip 'Simon Snorkel Hydraulic Platform';

2. Illi l-esponent iżda jiċħad l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-attur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu ppreżentati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi l-fatt li l-attur weġġa' fuq il-post tax-xogħol ma jfissirx awtomatikament illi l-esponent huwa responsabbli minħabba li naqas li jieħu dawk il-miżuri u dawk il-prekawzjonijiet neċessarji li setgħu evitaw l-inċident in kwistjoni;

4. Illi l-esponenti m'għandu l-ebda tort għal dak li ġara u bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa b'xi mod responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni li sofra Joseph Azzopardi bħala riżultat tal-inċident;

5. Illi l-esponent dejjem għamel dak kollu li huwa obbligat li jagħmel sabiex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol, mhux biss, iżda dato l-ambjent partikolari tax-xogħol u ċioe fis-settur tal-protezzjoni ċivili, dejjem ra li l-ħaddiema tiegħu mhux biss ikunu mħarsa iżda jservu ta' eżempju għal ħaddieħor. Tant hu hekk li meta seħħ l-inċident il-ħaddiema kollha inkluż l-attur kien mgħammar b'ilbies protettiv adegwat għax-xogħol li kien qed iwettaq dak il-ħin;

6. Illi għalhekk l-attur ma weġġax minħabba negliġenza tad-Direttur esponent u l-istess Direttur ma naqasx bl-ebda mod milli jipprovdi 'a

safe system of work' iżda l-inċident de quo kien wieħed fejn l-attur sempliċiment żelaq (kif qiegħed fil-fatt jispjega l-attur stess fir-rikors ġuramentat tiegħu) u ma qagħadx attent illi juża diliġenza neċessarja fuq il-post tax-xogħol;

7. Illi l-esponent m'għandux jagħmel l-ebda ħlas lill-attur u dan stante li l-attur ipperċepixxa dak li kien dovut lilu skont it-termini tal-kuntratt tal-ingaġġ tiegħu;

8. Illi finalment l-attur jeħtieġlu jipprova li d-diżabilità allegatament sofferta minnu hija riżultat tal-inċident de quo;

9. Illi għaldaqstant, l-esponenti m'għandux tort għall-inċident in kwistjoni u mhumiex responsabbli għall-istess inċident u għad-danni konsegwenzjali;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponenti jopponi t-talbiet rikorrenti u jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu."

5. B'sentenza tat-3 ta' Ġunju, 2019 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi, illikwidat id-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-inċident fis-somma ta' €10,265.24 u kkundannat lid-Direttur konvenut iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza.

6. Ir-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti għal dik id-deċiżjoni huma s-segwenti:

"**Konsiderazzjonijiet legali**

L-attur weġġa' waqt il-qadi ta' dmirijietu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, fejn hu impjegat bħala lead assistant rescue officer, liema dmirijiet jinkludu xogħol ta' tindif u aċċertazzjoni li l-vetturi kollha għad-dispożizzjoni tas-servizz ikunu f'kundizzjoni ottima sabiex jintużaw skont il-ħtieġa. Jirriżulta li l-attur kien fuq l-aktar parti għolja ta' vettura li tintuża waqt operazzjonijiet tat-tifi tan-nar, u kien qiegħed jagħmel xogħol ta' tindif bil-powerwash wara li kien intefa' fuqha degreaser sabiex iż-żejt li kellha fuqha seta' jitnaddaf aħjar, meta

żelaq u minkejja li pprova jikser il-waqgħa billi jżomm ma' sellum li kien mal-vettura, baqa' nieżel għal isfel xi sitt piedi u kiser drieghu. Tali ksur kien wieħed aggressiv tant li l-attur ħtieġlu jiġi operat tliet darbiet konsegwenza ta' din il-waqgħa. Fil-ħin tal-inċident l-attur kien liebes safety shoes ipprovdut mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u minkejja li fid-Dipartiment hemm diversi tagħmir li soltu jintuża f'operazzjonijiet ta' salvataġġ, madanakollu jidher li ma kinitx il-prassi li l-uffiċjali jintrabtu jew jużaw dan it-tagħmir waqt ix-xogħol ta' rutina li jsir ġewwa l-istazzjon. Xi ħaġa din li ġiet ikkonfermata saħansitra mid-direttur attwali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li xehed li għal diversi snin huwa għamel xogħol simili għal dak li kien qiegħed jagħmel lattur, imma hu personalment waqt li jkun qiegħed jaħsel il-vetturi tas-servizz, qatt m'għamel użu minn apparat li soltu jintuża waqt operazzjonijiet tat-tifi tan-nar jew missjonijiet ta' salvataġġ, għalkemm tali apparat hu disponibbli għall-uffiċjali tad-Dipartiment il-ħin kollu. Jirriżulta wkoll li l-attur ħa miżuri protettivi oħra, apparti l-ilbies tiegħu, sabiex jassigura li jkun qiegħed jaħdem b'mod sigur, tant li minkejja li kien familjari ma' din il-vettura, xorta waħda ħass il-ħtieġa li jimxi bi prudenza u li jaħdem minn fuq il-partijiet nodfa sabiex jiġi evitat iż-żlieq.

Il-Qorti tirrileva, anki minn dak li ntqal minn diversi mix-xhieda li taw iddepożizzjoni tagħhom f'din il-kawża, li minkejja li l-uffiċjali tad-Dipartiment konvenut jidher li jiġu mħarrġa sew dwar kif għandhom iġibu ruħhom waqt missjonijiet ta' salvataġġ, u dwar x'għandhom jagħmlu biex ikunu tal-aħjar servizz u jnaqqsu l-periklu għall-pubbliku, madanakollu jidher li dawn l-uffiċjali ma jingħataw l-ebda taħriġ speċifiku dwar kif għandhom jipproteġu lilhom infushom waqt il-qadi ta' dmirijiethom meta jkunu ġewwa l-istazzjon. Jidher ċar li dan l-inċident ma kienx iseħħ li kieku pereżempju kienet teżisti l-prassi li l-ħasil tal-vetturi kellu jsir minn fuq turn-table li tista' tiġi elevata. Minkejja li din l-elevated turn-table kienet għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali tal-istazzjon, l-ebda uffiċjal qatt ma ħass il-ħtieġa li jagħmel użu minnha waqt ix-xogħol tal-ħasil tal-vetturi, kif ikkonfermat mill-ogħla uffiċjali tad-Dipartiment konvenut. Il-Qorti tirrileva li kien biss wara l-inċident mertu tal-kawża li ġie maħtur uffiċjal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà fl-istazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u li qatt ma sar xi tip ta' risk assessment dwar il-perikli li l-ħaddiema tad-Dipartiment jiffaċċjaw waqt il-ġurnata tax-xogħol tagħhom ġewwa l-istazzjon. Il-Qorti tagħmel riferiment dak li jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li jgħid:

> "Dan l-Att japplika għal postijiet tax-xogħol kollha, għas-setturi kollha ta' kull attività, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u għal kull attività ta' xogħol, iżda ma japplikax fil-każ ta' dawk l-attivitajiet immexxija mill-forzi armati, tal-korp tal-pulizija jew tas-servizzi tal-protezzjoni ċivili: Iżda fil-każ ta' membri tas-servizzi pubbliċi hawn aktar qabel imsemmija, is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandha tiġi żgurata sakemm dan ikun raġonevolment possibbli fil-qies tal-iskop ġenerali ta' dawk is-servizzi."

Bħala regola ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għandu jitqies li huwa materja ta' interess pubbliku. Kull min iħaddem għandu l-obbligu li jipprovdi dik li komunement jissejjaħ 'a safe system of work', billi jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' periklu u riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegat, skont ma jipprovdi l-Att numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2) (a) u (b). L-artikolu 2(2)(ċ) tal-istess Att jipprovdi wkoll illi:

> "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess."

Il-Qorti tqis li d-Dipartiment konvenut naqas milli jipprovdi ambjent sigur li fih jistgħu jaħdmu l-ħaddiema tiegħu, bħalma kien ikun, pereżempju, ilqugħ protettiv li jipprevjeni waqgħat tax-xorta li kellu l-attur. Lanqas ma jidher li kien sar mill-konvenut xi tip ta' risk assessment sabiex jiġi stabbilit x'għandu jsir biex waqgħat bħal dawn jiġu evitati. Inutli li f'post tax-xogħol ikun hemm kull tip ta' tagħmir u apparat protettiv jekk fil-ħaddiema ma titrawwimx ilmentalità li dak it-tagħmir u apparat qiegħed hemm mhux biss biex jintuża waqt missjonijiet ta' tifi tan-nar u ta' salvataġġ barra mill-istazzjon, imma anki biex jintuża għall-protezzjoni u s-sigurtà tal-ħaddiema meta jkunu qegħdin jaqdu d-dmirijiet tagħhom ġewwa l-istazzjon. Il-Qorti tqis li f'post tax-xogħol li huwa ffukat prinċipalment fuq il-ħarsien u l-protezzjoni tal-pubbliku in ġenerali, ikun nuqqas lampanti tal-konvenut jekk ma jipprovdix għal sistema tax-xogħol li tħares is-saħħa tal-ħaddiema mhux biss waqt operazzjonijiet ta' tifi tan-nar u ta' salvataġġ, iżda f'kull aspett tal-ġurnata tax-xogħol tagħhom.

\- Omissis -

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li waqgħa bħal dik tal-attur kienet tkun prevedibbli li kieku sar risk assessment fl-istazzjon, u l-fatt li ma kien hemm ebda lqugħ, u l-fatt li l-ebda uffiċjal ma ħeġġeġ lill-attur jew lil sħabu sabiex jieħdu l-miżuri protettivi kollha neċessarji billi pereżempju jagħmlu użu minn tagħmir li jintuża waqt operazzjonijiet ta' salvataġġ, huwa nuqqas serju da parti ta' min iħaddem. Huwa proprju hawnhekk li jirriżulta n-ness ċar bejn in-nuqqas ta' azzjoni xierqa da parti tal-konvenut, u l-inċident li ħalla lill-attur isofri minn debilità permanenti.

\- Omissis -

Hu fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident."

7. Id-Direttur konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors ippreżentat fid-19 ta' Ġunju, 2019 għar-raġunijiet hemm mogħtija.

8. L-attur appellat ippreżenta risposta għall-appell fl-10 ta' Lulju, 2019 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, oppona għall-appell filwaqt li ressaq ukoll appell inċidentali li permezz tiegħu talab li s-sentenza appellata tiġi varjata billi jiġi likwidat ammont ta' danni akbar minn dak likwidat mill-Ewwel Qorti.

9. Fit-23 ta' Lulju, 2019 il-konvenut Direttur ippreżenta risposta għall-appell inċidentali tal-attur, li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għall-appell inċidentali.

10. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2023 din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ħalliet l-appell u l-appell inċidentali għal-lum għas-sentenza.

11. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu id-Direttur konvenut appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident *de quo* u dan għaliex skond l-appellant l-Ewwel Qorti (i) naqset milli tieħu in konsiderazzjoni illi x-xogħol li jagħmlu l-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili huwa min-natura tiegħu wieħed riskjuż; (ii) illi l-appellat stess ammetta li kien jaf li fejn kien ser jaħdem kien hemm

iż-żejt u għalhekk kien avvertit minn qabel beda jaħdem illi hemm il-periklu; (iii) illi l-appellant ipprovda lill-attur appellat u lill-ħaddiema l-oħra kollha diversi tipi ta' taħriġ sabiex ikunu kapaċi jipproteġu ruħhom mill-perikli li kienu preżenti meta seħħ l-inċident, fosthom (a) ingħata taħriġ dwar x'għandu jagħmel meta jkun rinfaċjat b'sitwazzjoni fejn ikun hemm iż-żjut, (b) ingħata taħriġ dwar kif kellu jagħmel użu mit-tagħmir li kien jipprovdi d-Dipartiment sabiex jimminimizza r-riskji li seta' jsib ruħu fihom, (c) ingħata taħriġ dwar kif jipproteġi ruħu meta jkun qiegħed jopera minn lok li jkun jinsab fil-għoli inkluż l-użu ta' ħbula u *harnesses* u (d) l-impjegati kollha inkluż l-attur appellat jiġu mgħammra bil-'personal protective equipment' inkluż l-*istation wear* u s-*safety boots* li kien 'slip resistant' u 'resistant to Fuel Oil of outsole'. Jgħid l-appellant illi dan it-tagħmir kollu kien disponibbli fl-Istazzjoni tax-Xemxija lill-attur qabel ma beda l-ħidma tiegħu fuq il-vettura in kwistjoni. L-appellant sostna illi l-attur kien imħarreġ sabiex juża l-apparat kollu disponibbli fl-istazzjon fejn seħħ l-inċident kif ukoll li l-attur appellat naqas milli juża r-ramel u d-*dispersant* li għandu l-funzjoni li jdgħajjef il-ħxuna taż-żejt. L-appellant jgħid ukoll illi fl-irwol tiegħu ta' LARO l-attur kellu d-dover li jara u jiżgura li l-affarijiet isiru sewwa, sew ġewwa l-istazzjon fejn seħħ l-inċident kif ukoll barra l-istazzjon. Jgħid illi l-appellat kellu l-kompitu li jara li l-ħaddiema assenjati miegħu kif ukoll hu nnifsu joperaw f'parametri ta' siġurtà fuq il-post tax-xogħol. Jgħid l-appellant illi l-appellat abdika mir-responsabbiltajiet tiegħu ta' LARO meta naqas milli jagħmel dak li l-ħila u

s-sengħa fix-xogħol tiegħu kellu inebbħuh biex jevita. Jgħid illi żewġ ħaddiema oħra, Joseph Barbieri u Lawrence Camilleri kienu qed jaħslu l-vettura flimkien mal-attur filwaqt li Lawrence Camilleri kien bħal l-attur fuq is-saqaf tal-vettura meta seħħ l-inċident u kkonferma li minn fejn waqa' l-attur id-*deck* tal-vettura hija 'corrugated' iġifieri pjanċa imqabbża u li 'safety shoes' fuq tali wiċċ ma jiżloqx.

12. Jgħid l-appellant illi bil-fatt li Lawrence Camilleri kien fl-istess post fuq il-vettura bħall-attur u li ma żelaqx għaliex is-*safety shoes* tiegħu rabat huwa indikazzjoni illi l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta' attenzjoni u diliġenza da parti tal-attur. Jgħid illi meta seħħ l-inċident l-attur appellat kien ilu mis-sena 1999 jaħdem mad-dipartiment tal-protezzjoni ċivili u kien ilu erba' snin jaħdem fil-grad ta' LARO. Skond l-appellant, l-attur kien konsapevoli tar-riskji li x-xogħol tiegħu iġib miegħu inkluż il-ħasil ta' vettura tas-servizz li jkollha żjut fuqha. Jgħid li l-attur naqas bħala LARO milli jagħmel evalwazzjoni tar-riskji involuta f'dak ix-xogħol li kienu ser jagħmlu dakinhar tal-inċident u konsegwentement espona għal riskji anke lil dawk li kienu qed jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu. L-appellant jgħid illi l-attur appellat seta' ħa ħsieb illi jintrabat qabel beda jaħdem fuq is-saqaf tal-vettura u naqas ukoll milli jfittex meżżi oħra ta' kif jilqa' għall-perikolu inkluż billi jitla' u jintrabat ma' vettura oħra disponibbli fl-istess stazzjon sabiex jikkordina u jmexxi l-ħasil tal-vettura in kwistjoni.

13. L-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti qabblet il-fatti u l-prinċipji enunzjati fis-sentenza "Frederick Sammut et. v. Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili" mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru, 2017 mal-każ odjern meta skont l-appellant ma humiex applikabbli peress li f'dak il-każ l-inċident seħħ waqt li l-ħaddiem kien qed jingħata t-taħriġ. Fl-istess ħin però l-appellant jagħmel referenza għall-istess sentenza inkwantu elenkat il-prinċipji applikabbli rigwardanti l-element kontributorju għall-inċident da parti ta' min iweġġa'. Jgħid l-appellant illi l-attur kien jaf x'kellu jagħmel meta ser jaħdem mill-għoli u f'sitwazzjoni fejn kien hemm iż-żjut. Jgħid illi l-attur kien l-unika persuna fl-istazzjon tax-Xemxija li kien iħaddem dik il-vettura tant li kien ġie persuna minn barra minn Malta sabiex tħarrġu kif għandu joperaha.

14. L-attur appellat jilqa' għall-dan l-aggravju billi jgħid illi bil-fatt li l-appellat kien ġie nfurmat illi fuq il-vettura in kwistjoni kien hemm iż-żejt ma kienx biżżejjed sabiex il-konvenut appellant jeżimi ruħu mir-responsabbiltajiet tiegħu. Jgħid illi huwa u l-ħaddiema l-oħra bdew jaħslu l-vettura permezz ta' *power wash* u *degreaser* u ħadu dawk il-prekawzjonijiet "li solitament jittieħdu f'kazijiet fejn huma jiltaqgħu ma' dan it-tip ta' fluwidu". Jgħid li miżura li huwa u Lawrence Camilleri ħadu kienet li bdew inaddfu id-deck bil-*power wash* u jimxu fuq in-nadif, b'darhom lejn in-naħa tal-gabina tal-vettura. Jgħid li dawn il-prekawzjonijiet ħaduwhom minn rajhom u mhux għaliex irċevew xi struzzjonijiet jew għaliex hemm xi

proċedura stabbilita fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Jgħid illi mhux minnu dak sottomess mill-appellant illi huwa kellu juża r-ramel. Dwar is-sottomissjoni tal-appellant illi l-appellat kien tenut juża *dispersant*, jgħid illi degreaser huwa tip ta' dispersant.

15. L-attur jissottometti illi l-fatt li l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jingħataw taħriġ dwar kif jagħmlu użu minn ħbula u *harnesses* mhux biżżejjed sabiex il-konvenut appellant jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu li jħares is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Jgħid illi n-nuqqas tad-direttur appellant kien illi ma kienx hemm proċedura li għandha tiġi segwita mill-ħaddiema "meta jkun qed isir ix-xoghol ta' tindif bhal ma kien qiegħed jagħmel l-appellat." Skond l-appellat, il-konvenut appellant naqas meta ma kienx hemm proċedura li tidentifika l-periklu u tevalwa r-riskji assoċjati max-xogħol li jkunu ser jagħmlu l-ħaddiema ġewwa l-istazjon. Jgħid illi l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili "ma kienux jingħataw taħriġ dwar kif għandhom jiġu evitati r-riskji involuti fix-xogħol tagħhom ġewwa l-istazzjon." Oltre illi fiż-żmien li seħħ l-inċident id-dipartiment ma kellux uffiċjal inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà fl-istazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

16. Jgħid illi t-taħriġ li l-ħaddiema jingħataw dwar kif għandhom jipproteġu ruħhom meta jkunu qegħdin jaħdmu fil-għoli ma hux applikabbli għal meta tkun qed tinħasel vettura. Jgħid illi dak li "japplika

għal sitwazzjoni partikolari fejn il-ħaddiema ikunu qegħdin jipparteċipaw f'operazzjoni ta' salvataġġ mhux neċessarjament japplika għal sitwazzjonijet oħrajn".

17. Jgħid illi qatt ma sar xi tip ta' *risk assessment* dwar il-perikli li l-ħaddiema tad-Dipartiment jiffaċċjaw waqt ix-xogħol tagħhom ġewwa l-istazzjon u li għalhekk qatt ma ġew stabbiliti l-miżuri li kellhom jittieħdu sabiex jimminimizzaw jew jinnewtralizzaw il-periklu ġewwa l-istazzjon.

18. Jiddeskrivi bħala legalment u fattwalment żbaljat l-argument tal-appellant illi l-attur, *qua* LARO, kellu hu r-responsabbilità li jevalwa s-sitwazzjoni qabel hu u s-subalterni tiegħu bdew jaħslu l-vettura tas-servizz sabiex jara li l-ħaddiema, inkluż hu, jkunu qed jaħdmu f'parametri ta' sigurtà. Jgħid illi huwa la kien l-uffiċjali inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u lanqas kellu xi kwalifiki jew taħriġ differenti minn dak ta' ħaddiema oħra li setgħu jwassluh jindividwa hu r-riskju f'din is-sitwazzjoni partikolari. Jgħid illi fir-rwol tiegħu ta' LARO ma jistax ikun mistenni li jimplimenta fl-istazzjon miżuri li qatt ma kienu implimentati qabel. Jgħid illi dik il-vettura dejjem ġiet maħsula bil-mod kif kienet qed tiġi maħsula fil-ħin tal-inċident tiegħu. Jgħid illi jekk issa d-Direttur qed jargumenta illi l-inċident seta' ġie evitat li kieku l-attur qagħad fuq vettura oħra hu u jaħsel il-vettura miż-żejt fuq id-*deck* tagħha jew li jintrabat permezz ta' *harness*, proċedura li qatt ma ntużat qabel, hija skont l-

appellat konferma illi d-Direttur kien naqas meta ma fassalx u ma implimentax linji gwida li għandhom x'jaqsmu mal-ħidma ġewwa l-istazzjon bħal dik li kienet għaddejja fil-mument tal-inċident soffert mill-attur.

Ikkunsidrat;

19. Illi sa fejn l-ewwel aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti, hija regola stabbilita illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġjonevoli jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti.

20. Jirriżulta illi l-attur huwa mpjegat fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fil-grad ta' 'Leading Assistant Rescue Officer' (fil-qosor LARO). Fil-11 ta' Ottubru, 2012, waqt li l-attur u numru ta' subalterni tiegħu kienu qegħdin fuq il-post tax-xogħol fl-istazzjon li jinsab ġewwa x-Xemxija jaħslu vettura li tintuża waqt missjonijiet ta' salvataġġ, huwa żelaq u waqa' għoli ta' madwar sitt piedi u weġġa'. Irriżulta li fil-ħin tal-inċident l-attur kien flimkien ma' ħaddiem ieħor bil-wieqfa fuq is-saqaf tal-vettura imsejjaħ *deck* għaliex proprju huwa magħmul u intiż sabiex wieħed jimxi

fuqu. L-attur u l-ħaddiem l-ieħor kienu qed jaħslu dan id-*deck* permezz ta' *power wash*.

21. Mal-waqgħa l-attur ġie fuq idu l-leminija bl-impatt ikun tant qawwi illi sofra korriment mill-minkeb 'il fuq. Ittieħed l-isptar u ġie operat mill-ewwel. Ġie rilaxxjat mill-isptar jumejn wara u beda sessjonijiet ta' terapija. F'Marzu 2013 intefħitlu idu, eżaminah Profs. Thomas Azzopardi li infurmah illi kellu bżonn intervent ieħor u għalhekk ġie operat fil-11 ta' Marzu 2013. F'Awwissu ta' dik is-sena reġa' ħass l-istess sintomi u għal darb' oħra ġie operat b'urġenza. Għalkemm l-attur baqa' impjegat mad-direttur konvenut u baqa' jirċevi l-paga u l-*allowances* li kien jirċevi qabel l-inċident, riżultat tal-inċident sofra diżabilità permanenti f'idu.

22. Tajjeb jiġi ribadit illi jibqa' dejjem l-oneru ta' min jallega illi jipprova dak minnu jew minnha allegat, "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*", rifless f'Artikolu 562 tal-Kap. 12. Artikolu 559 imbagħad jipprovdi illi l-Qorti għandha dejjem teżiġi li tinġib l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.

23. Tenut kont illi hawn *si tratta* ta' inċident fuq il-post tax-xogħol opportun li qabel xejn jiġu delineati il-prinċipji ġenerali u n-normi legali li jirregolaw ir-responsabbiltajiet marbuta mas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol, sew fir-rigward ta' min iħaddem, sew fir-rigward tal-ħaddiem.

24. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Crocifissa sive Christine Abela et. v. Valletta Gateway Terminals Limited et.** mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2022 li fil-brani segwenti tiġbor l-aspetti saljenti tal-obbligi relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol:

> "28. Ir-regola ġenerali f'dan il-qasam hi li, min iħaddem irid jipprovdi *a safe system of work.* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **George Cardona et v. Ferdinando sive Randu Zammit et).** Hemm grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem, tant li da parti tiegħu għandu jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Kif ingħad qabel, fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, tapplika liġi speċjali li tirregola d-dmirijiet u l-obbligi kemm ta' min iħaddem, kif ukoll tal-ħaddiem (Kap. 424). Apparti d-dmir ġenerali ċitat qabel li min iħaddem għandu dejjem l-obbligu li jiżgura s-saħħa u s-sigurta` tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem (Artikolu 6(1) tal-Kap. 424), fost id-dmirijiet li l-liġi titfa' fuq min iħaddem insibu l-piż li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġu identifikati u evalwati r-riskji, kif ukoll li jittieħdu l-miżuri meħtieġa li jitnaqqsu dawk ir-riskji (Artikolu 6 (2) tal-Kap. 424), kif ukoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif, tagħlim u taħriġ meħtieġ, kif ukoll superviżjoni sabiex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Artikolu 6 (3) tal-Kap. 424).
>
> -omissis-
>
> 38. Min-naħa l-oħra, il-grad għoli ta' responsabbiltà ta' min iħaddem, ma jeħlisx lill-ħaddiem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkopera ma' min iħaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll, jitqies li ħaddiem għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għal riskju bla bżonn u li joqgħod attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel u għal dak li jkun qiegħed jiġri madwaru. M'għandux jagħmel xogħol bil-għaġġla, li jista' jwassal għall-korriment tiegħu jew tal-kollegi tiegħu fuq ix-xogħol. Ħaddiem li jonqos milli joqgħod għall-istruzzjonijiet li jkun ingħata, jew għall-prekawzjonijiet li jkun fetaħlu għajnejh għalihom min iħaddem, għandu jbati l-konsegwenzi li jġarrab."

25. Jirriżulta mill-atti illi dan ma kienx l-ewwel darba li din il-vettura ġiet maħsula fl-istazzjon fejn tkun qiegħda u li dan kien dejjem isir bil-mod li

sar fil-jum tal-inċident mertu tal-kawża. Irriżulta wkoll illi l-ħaddiema li jkunu qed inaddfu l-vettura jkunu qegħdin jaħdmu f'għoli ta' *circa* sitt piedi mill-art, u li min ikun inaddafha dejjem jitla' fuq il-vettura f'dak l-għoli mingħajr l-ebda ilqugħ u mingħajr l-ebda irbit. Id-direttur appellant jargumenta illi l-attur kellu għad-dispożizzjoni tiegħu it-tagħmir kollu sabiex jintrabat u li fil-kuntest li kellu wkoll il-kariga ta' Leading Assistant Rescue Officer (LARO) kien obbligu tiegħu li jara illi jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex is-saqaf tal-vetturi jitnaddaf miż-żjut li min-natura tagħhom jistgħu joħolqu ambjent tax-xogħol perikoluż.

26. Għalkemm huwa minnu li l-attur għandu l-kariga ta' LARO, però ma kienx hu illi stabbilixxa x-xogħol li kellu jsir dakinhar iżda kien Anthony Portelli, l-iStation Officer tal-istazzjon tax-Xemxija, illi ta lill-attur l-istruzzjonijiet tax-xogħolijiet li l-attur u l-ħaddiema l-oħra kellhom jeżegwixxu fosthom il-ħasil tal-vettura in kwistjoni. Kif rajna, l-inċident ma seħħx waqt xi azzjoni ta' salvataġġ jew ta' tifi ta' nar iżda f'xogħol ta' rutina ġewwa l-istazzjon tax-Xemxija. L-appellant jgħid fl-aggravju tiegħu[1] "Illi d-deċizjoni tal-Ewwel Qorti kienet tkun korretta li kieku ghall-grazzja tal-argument, iz-zelqa garrabha wiehed minn dawk l-impjegati li kienu qeghdin jahdmu taht id-direzzjoni tal-attur Joseph Azzopardi, u dan proprju ghaliex tali mpjegati kienu qeghdin jahdmu taht l-ordnijiet u d-direzzjonijiet ta' Joseph Azzopardi li f'dan il-każ partikolari kien jigi dak ta'

[1] Ara para 19 tar-rikors tal-appell (fol. 324)

fuqhom u ghalhekk kellu l-obbligu li jassigura li jidentifika l-periklu li kienu prezenti fuq it-trakk fejn sehh l-incident……"

27. B'din is-sottomissjoni appena ċitata l-appellant jittenta jitfa' fuq spallejn l-attur ir-responsabbiltajiet li l-Kap,. 424 jitfa fuq min iħaddem. Donnu nesa l-appellant illi l-ħaddiema tas-*shift* tal-attur dakinhar tal-inċident kienu qegħdin jaħdmu taħt id-direzzjoni tal-iStation Officer Anthony Portelli. Fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017 Anthony Portelli kkonferma li d-Direttur konvenut qatt m'għamel *risk assessment* fir-rigward tal-mod kif għandhom jinħaslu dawn it-tip ta' vetturi. Ifisser dan illi dakinhar tal-inċident l-iStation Officer li jiġi fuq l-attur ma ta l-ebda struzzjonijiet la lill-attur u lanqas lill-ħaddiema l-oħra, li matul l-eżekuzzjoni tal-ħasil tal-vettura in kwistjoni kellhom jużaw xi apparat partikolari sabiex jiġi evitat li wieħed jaqa' minn dak l-għoli. U dan fil-verità ma hux sorprendenti għaliex jirriżulta ampjament ippruvat illi qabel dan l-inċident u bħala regola il-ħaddiema li jitilgħu fuq is-saqaf tal-vettura sabiex inaddfuha kienu jilbsu 'safety shoes' iżda ma kienux jilbsu '*harness*' jew b'xi mod ieħor jintrabtu bi prekawzjoni kontra l-waqat.

28. Hija responsabbiltà ta' min iħaddem li jassigura fost l-oħrajn li jieħu miżuri biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, billi jieħu passi ħalli jiġi evitat ir-riskju; li jidentifika l-perikli assoċjati max-xogħol; jevalwa u jikkontrolla mill-bidu dawk ir-riskji

li ma jistgħux jiġu evitati; li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż (**Art. 6 (2) Kap. 424**). Skond is-sub-inċiż 3 tal-Artikolu 6 min iħaddem għandu wkoll jipprovdi lill-ħaddiem dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol. Jirriżulta illi filwaqt li l-attur u sħabu ngħataw it-taħriġ kollu meħtieġ sabiex jeżegwixxu l-operazzjonijiet ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar; ġiet traskurata mill-konvenut bħala min iħaddem evalwazzjoni tar-riskji inerenti mal-ħasil u tindif ta' karrozzi goffi u ta' għoli konsiderevoli fl-istazzjonijiet tas-servizz kif ukoll miżuri relatati sabiex jiġu evitati inċidenti bħal dawk li sofra l-attur appellat.

29. Mill-atti ma jirriżultax li l-attur naqas mid-dmir tiegħu *qua* ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li setgħu jiġu affettwati bix-xogħol li kien qiegħed jagħmel (**Art. 7 Kap. 424**).

30. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi f'dan ir-rigward l-inċident li sofra l-attur seta' jiġi evitat kieku l-konvenut onora l-obbligi statutorji fuqu imposti kif fuq spjegat u implimenta miżuri ta' prevenzjoni. Tiċħad għalhekk l-ewwel aggravju.

31. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti naqset milli teżamina l-każ fid-dawl tal-Artikolu 3 tal-Kap. 424. Skont l-appellant il-Kap. 424 ma japplikax għal dan il-każ għaliex l-attur huwa membru tal-korp tas-serivizzi tal-protezzjoni ċivili.

32. Apparti illi d-Direttur appellant ma ressaqx bħala eċċezzjoni formali li l-Kap 424 ma kienx applikabbli għall-fattispecie ta' dan il-każ, anzi f'eċċezzjonijiet numri 5 u 6 jgħid illi huwa ma naqasx milli jipprovdi '*a safe system of work*' u li fil-ħin tal-inċident "il-ħaddiema kollha inkluż l-attur kien mgħammar b'ilbies protettiv adegwat għax-xogħol li kien qed iwettaq dak il-ħin"; hija l-fehma ta' din il-Qorti illi sabiex tkun tapplika l-eżenzjoni kontemplata fl-Artikolu 3 irid jirriżulta illi ma kienx raġonevolment possibbli li s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem tiġi żgurata. L-eċċezzjonijiet stess tal-konvenut appellant proprju jikkontradixxu t-tieni aggravju tal-appellant.

33. **Artikolu 3 tal-Kap. 424** li jipprovdi illi:

> "Dan l-Att għandu japplika għall-postijiet tax-xogħol kollha u għas-setturi kollha ta' kull attività tax-xogħol, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u għal kull attività ta' xogħol, iżda ma għandux japplika fil-każ ta' dawk l-attivitajiet imwettqa mill-membri ta' xi korp dixxiplinat, li jkollhom karatteristiċi partikolari għal xi attività tal-korp dixxiplinat[2], li inevitabbilment jikkonfliġġu ma' dan l-Att, inklużi attivitajiet relatati ma' emerġenzi ċivili, l-ordni pubbliku, is-sigurtà nazzjonali jew operazzjonijiet mill-militar:
>
> Iżda fir-rigward tal-esklużjonijiet msemmija fil-paragrafu preċedenti, is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema konċernati għandha tiġi żgurata għall-finijiet tal-għanijiet ta' dan l-Att:".

[2] Skont Artikolu 2 tal-Kap. 424 "korp dixxiplinat" tinkludi d-Direttur għall-Protezzjoni Ċivili kif stabbilit skont l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili (Kap. 411)

34. Il-Qorti ma tqisx tali aggravju fondat. Fil-ħin tal-inċident mertu tal-kawża odjerna, l-attur u l-ħaddiema l-oħra ma kienux fuq missjoni ta' salvataġġ jew ta' tifi tan-nar imma kienu qegħdin fl-istazzjon tax-xogħol tagħhom ġewwa x-Xemxija jnaddfu waħda mill-vetturi mill-ħmieġ u ż-żejt li kellha wara li kien sarilha xogħol ta' manutenzjoni. F'dan is-sens għandha tinftiehem il-frazi "l-attivitajiet immexxija mill-membri …. tal-korp …. tas-servizzi tal-protezzjoni ċivili". Tant hu hekk illi fil-*proviso* tal-istess artikolu hemm provdut illi fil-każ tas-servizzi pubbliċi nkluż dak tal-protezzjoni ċivili, "is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandha tiġi żgurata sakemm dan ikun raġonevolment possibbli fil-qies tal-iskop ġenerali ta' dawk is-servizzi."

35. Għalhekk sa fejn jirrigwarda lill-attur fil-ħin tal-inċident l-esklużjoni *ai termini* tal-Artikolu 3 tal-Kap. 424 ma hiex applikabbli. L-obbligi u r-responsabbiltaijiet sew tal-konvenut appellant bħala min iħaddem kif ukoll tal-attur bħala l-ħaddiem huma wkoll regolati bil-Kap. 424 u xejn ma hu eskluż.

36. Għaldaqstant it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

37. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-komputazzjoni tad-danni. Skont l-appellant, l-appellat ma

ġarrab l-ebda telf ta' qliegħ peress li meta rritorna għax-xogħol wara *injury leave*, daħal jaħdem fl-istess *shift* li kien jaħdem qabel u ġie mogħti jagħmel *light duties*. Eventwalment l-attur appellat reġa beda jagħmel ix-xogħol normali ta' LARO li għadu jagħmel sal-lum.

38. Skont l-appellant l-Ewwel Qorti żbaljat meta applikat *multiplier* ta' ħdax(11)-il sena peress li qieset illi persuna ta' 55 sena, l-età li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, hija mistennija li taħdem sal-età ta' 65 sena. Jgħid illi l-*multiplier* kellu jkun ta' tmien (8) snin billi jittieħed kont ta' meta l-attur jilħaq l-età pensjonabbli ta' tlieta u sittin (63) sena. Jgħid li anke kieku wieħed kellu jaċċetta r-raġunament tal-Ewwel Qorti dwar il-*multiplier*, in-numru ta' snin kellu jkun ta' 10 snin u mhux ta' 11-il sena. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ma naqsitx mill-ammont ta' danni likwidati s-somma ta' €1,167.29 rappreżentanti l-ammont li l-attur irċeva mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali wara li ġie ċertifikat mill-bord mediku tal-istess direttur li kien sofra diżabilità permanenti f'inċident fuq il-post tax-xogħol.

39. Ma hux kontestat li l-attur sofra diżabilità permanenti b'riżultat tal-inċident mertu tal-kawża. Bil-fatt li l-attur baqa' fl-istess impieg bl-istess kundizzjonijiet ma jfissirx li ma sofriex danni b'riżultat tad-diżabilità permanenti li sofra. Diżabilità permanenti speċjalment fid-dirgħajn

għandha l-konsegwenza inerenti illi tiddiminwixxi l-potenzjal lavorattiv tal-vittima ta' tali diżabilità li tissarraf f'jedd għall-kumpens għal tali telf.

40. Dwar l-ilment tal-konvenut li l-Ewwel Qorti kellha tapplika *multiplier* ta' 8 snin u mhux ta' 11-il sena għaliex l-attur twieled fis-sena 1957 u jilħaq l-età tal-pensjoni meta jagħlaq 63 sena, din il-Qorti tqis illi llum il-ġurnata l-ħajja lavorattiva medja hija itwal mill-età tal-pensjoni.[3]

41. Fir-rigward tal-*multiplier*, fis-sentenza **George Baldacchino et. v. Malta Freeport Terminals Limited** mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2021 ġie ritenut illi "… ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad danneggjat fil-mument li sehh l-incident, (ara per ezempju Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 1983) normalment f'kazijiet bhal dawn, m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life* or *vicissitudes of life.* Ghalkemm il-Qorti ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-incident, m'ghandux jittiehed biss il-*maximum working life expectancy* tad-danneggjat. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u

---

[3] Ara **Joseph Tonna et. v. Charles Fenech et**. - Qorti tal-Appell - 16 ta' Marzu, 2004

ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'ghandux ikun ikkunsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza Francis Gauci v. Jimmy Bugeja, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.)".

42. Tqis għalhekk ġustifikat l-aggravju tal-konvenut fis-sens illi l-*multiplier* għandu jkun ta' tmien snin u mhux ta' ħdax-il sena.

43. Dwar l-ilment tal-konvenut illi l-Ewwel Qorti ma naqsitx mill-ammont tad-danni likwidati s-somma ta' €1,167.29 rappreżentanti l-ammont li l-attur irċieva mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, din il-Qorti ma tqisx dan l-aggravju fondat. Ma nġabet l-ebda prova li l-ħlas mid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali lill-attur jirrapreżenta kumpens għal-*lucrum cessans*. Għalhekk din il-parti tat-tielet aggravju qed tiġi respinta.

44. Il-konvenut jgħid ukoll illi s-salarju medju li kellu jittieħed in konsiderazzjoni huwa ta' €22,809.25 u dan peress li qed iqis illi l-*multiplier* kellu jiġi kalkolat fuq medda ta' 8 snin mentri l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni salarju medju ta' €23,125.55 peress li qieset *multiplier* fuq medda ta' 11-il sena li kif rajna ser jiġi aġġustat għal tmien (8) snin. L-Ewwel Qorti għamlet il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* billi l-ewwel ħadet id-dħul gross tal-attur fis-sena 2012 li kien jammonta għal

€26,448.26 li minnhom naqset €2,707 it-taxxa mħallsa u naqset ukoll €1,775.50 rappreżentanti il-kontribuzzjonijiet tas-siġurtà soċjali mħallsa, u waslet għal dħul nett ta' €21,965.76. Imbagħad għaddiet sabiex aġġustat id-dħul net abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier* billi għamlet is-segwenti eżerċizzju matematiku: €21,965.76 + €24,285.34[4] / 2 = €23,125.55.

45. L-appell inċidentali tal-attur, bħat-tielet aggravju tal-konvenut, jirrigwarda l-komputazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti sabiex waslet għall-ammont ta' danni dovuti lill-attur.

46. Fl-appell inċidentali tiegħu l-attur jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta x-xhieda tal-attur u dik tax-xhieda minnu mressqa dwar l-impiegi *part-time* li jgħid li kellu fiż-żmien tal-inċident. Isemmi illi Keith Farrugia, sid il-ħanut tal-laħam The Meat Shop, xehed illi l-attur kien imur jaħdem miegħu bejn erba' u ħamest ijiem f'ġimgħa. Jgħid illi dan kien jammonta għal ċirka ħamsa u tletin siegħa (35hrs) fil-ġimgħa u li kien iħallsu disa' ewro u ħamsin ċenteżmu (€9.50) fis-siegħa. Jgħid li dak ix-xhud qatt ma ġie kontroeżaminat u li allura t-testimonjanza tiegħu ma ġietx kontradetta. L-attur jinsisti illi fil-komputazzjoni tad-danni kellhom jiġu nklużi dħul annwali addizzjonali ta' €17,290.00 rappreżentanti x-xogħol *part-time* tiegħu fil-ħanut tal-laħam. L-attur iżid jgħid illi l-Ewwel Qorti naqset ukoll

[4] L-Ewwel Qorti applikat rata ta' inflazzjoni annwali ta' 0.96% bħala r-rata medja ta' inflazzjoni fl-aħħar 5 snin mis-sentenza appellata skont l-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika.

milli tieħu in konsiderazzjoni d-dħul li huwa kellu minn xogħol *part-time* li jgħid li kellu fil-qasam ta' xogħlijiet ta' kisi u manutenzjoni li skont l-attur kien iġiblu dħul ta' madwar €11,646.86 fis-sena.

47. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti illi ma kelliex tieħu in konsiderazzjoni id-dħul minn xogħol *part-time* li jallega l-attur. L-Ewwel Qorti ġustament ikkunsidrat illi l-attur naqas milli jġib prova oġġettiva ta' dan id-dħul. Irriżulta illi dan id-dħul allegat tal-attur la jirriżulta mad-Direttur tal-VAT u lanqas mad-Direttur tat-Taxxa. L-Ewwel Qorti kkonstatat ukoll illi mhux biss irriżulta li l-attur qatt ma talab il-permess tas-superjuri tiegħu sabiex jagħmel xogħol *part-time*, kif kien fid-dover li jitlob sabiex ikun jista' jagħmel tali xogħol, iżda wkoll li l-ammont ta' siegħat li l-attur kien qed jallega li jaħdem *part-time* (35 siegħa fil-ġimgħa) ma kienux verosimili tenut kont tal-fatt li mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien jaħdem *shifts* ta' erbgħa u għoxrin siegħa għal numru ta' ġranet fil-ġimgħa. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li għall-finijiet tal-*lucrum cessans* kellha tieħu in konsiderazzjoni id-dħul tal-attur mill-impieg tiegħu mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u xejn aktar.

48. Jilmenta wkoll l-attur fl-appell inċidentali illi tenut kont li l-kawża ġiet intavolata fis-sena 2016 ma għandux isir it-tnaqqis ta' 20% minħabba l-*lump sum payment*.

49. Skont ġurisprudenza kostanti, it-tnaqqis ta' 20% għal-*lump sum payment* tal-*lucrum cessans* jiġi gradwalment ridott bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja. Dan it-tnaqqis jibda jiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża, sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi, ir-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora,* b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni (**Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** - Qorti tal-Appell - 15 ta' Novembru, 2023**;** **John Muscat v. Camray Limited et**. - Qorti tal-Appell - 13 ta' Lulju, 2020.

50. F'dan ir-rigward din il-Qorti tqis illi tenut kont li l-kawża odjerna ġiet intavolata f'Settembru 2016, it-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jkun ta' 4% u mhux ta' 20%.

51. Jiġi osservat illi fl-appell inċidentali ma tressaq l-ebda aggravju dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni d-dħul gross iżda ikkonsidrat id-dħul net wara li naqset it-taxxa tad-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Għalhekk fil-komputazzjoni riveduta li ser tagħmel din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni id-dħul net kif kalkolta mill-Ewwel Qorti.

52. Tenut kont li t-tielet aggravju tal-konvenut qed jiġi limitatament akkolt billi l-*multiplier* jiġi kalkolat fuq 8 snin u mhux fuq 11-il sena; u tenut kont li l-appell inċidentali tal-attur qed jiġi limitament akkolt billi għall-finijiet tal-*lump sum payment* jitnaqqas ammont ekwivalenti għal erbgħa fil-mija (4%) u mhux għoxrin fil-mija (20%), din il-Qorti qed tvarja l-ammont likwidat bil-mod segwenti:

**€21,965.76 + €24,167.94 / 2 = €23,066.85**

**€23,066.85 x 8 (*multiplier*) x 5% = €9,226.74**

**€9,226.74 - 4% (*reduction for lump sum payment*) = €8,857.67, li magħdud mas-somma ta' €90.00 f'*damnum emergens* iġibu s-somma globali għal €8,947.67 li qed jiġu arrotondati għal disat elef ewro (€9,000).**

53. Dwar l-ispejjeż, tenut kont ir-rebħ u t-telf rispettiv tal-partijiet, sew fir-rigward tal-appell prinċipali kif ukoll fir-rigward tal-appell inċidentali, l-Qorti tqis illi l-ispejjeż tat-tieni istanza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tilqa' parzjalment l-appell prinċipali u tilqa' parzjalment l-appell inċidentali sa

fejn kompatibbli ma' dak fuq deċiż, tvarja s-sentenza appellata limitatament fir-rigward tal-ammont ta' danni likwidati billi tiddikjara illi l-ammont dovut mid-Direttur konvenut lill-attur huwa ta' disat elef ewro (€9,000) u mhux l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da